**7 ta' Lulju, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D. A.R. (Hist.) S.**
**Onor. Albert Manchè LL.D.**

Michael Micallef *et*

*versus*

George Sammut *et*

**Depożitu - Responsabbiltà - *Culpa Lata***

*Persuna li tkun uriet nuqqas gravi li tikkustodixxi, kif tipprovdi l-liġi, ħwejjeġ ta' ħaddieħor, twieġeb għal* culpa lata *li fl-agħar ipotesi tista' tindika element ukoll ta'* dolo.

Il-Qorti:-

Rat is-sentenza mogħtiaj fl-4 ta' Ottubru, 1996 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet premessi li tinqara hekk:

"F'din il-kawża l-atturi *nomine* qegħdin jitolbu li l-Qorti tikkundanna lill-konvenut irodd flus li kienu fdati f'idejh sabiex iqiegħdhom il-bank, iżda minflok instabu neqsin;

L-atturi *nomine* qegħdin jgħidu li l-konvenut huwa *impjegat ma' l-assoċjazzjoni attriċi biex ibigħ biljetti tal*-karrozzi tal-linja lis-sewwieqa ta' l-istess karrozzi. Fost id-dmirijiet tiegħu għandu li filgħaxija, wara li jagħmel il-kontijiet, imur iqiegħed il-flus mill-bejgħ tal-ġurnata fil-bank. Ġara li fil-31 ta' Diċembru, 1990 instab nuqqas ta' elf, mitejn u ħames liri (Lm1,205) *bejn id-dħul mill-bejgħ tal-biljetti u l-flus li tqiegħdu*

l-bank. Il-konvenut kien imsejjaħ biex irodd dawn il-flus, iżda baqa' ma għamel xejn, u għalhekk infetħet din il-kawża, fejn l-atturi *nomine* qegħdin jitolbu lli l-konvenut ikun kundannat iħallas Lm1,205 lill-assoċjazzjoni attriċi flimkien ma' l-ispejjeż, fosthom dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' Marzu, 1991 u ta' l-ittra interpellatorja tal-25 ta' Ġunju, 1991 u *bl-imgħaxijiet mill-31 ta' Diċembru, 1990*;

Il-konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

It-talba attriċi għandha tkun miċħuda għax il-konvenut qatt ma kien ingħata ċ-ċwievet tal-kaxxa tal-metall ġewwa l-bank fejn kienu jitqiegħdu l-flus kollha tal-ġurnata. Dawn iċ-ċwievet kienu jinżammu minn Frank Ciappara sakemm, filgħodu, ħaddiema oħra ta' l-assoċjazzjoni attriċi kienu jeħduhom mill-kaxxa biex jiddepożitawhom fil-kont bankarju. Għalhekk, il-konvenut ma għandux iwieġeb għal xi nuqqas li seħħ wara li l-flus jiddaħħlu fil-bank;

Il-konvenut ma għandux iwieġeb għas-somma ta' Lm1,205 li, fit-2 ta' Jannar, 1991, instabet nieqsa mill-flus tal-31 ta' Diċembru, 1990, għax hu kien wassal il-flus kollha ta' dak in-nhar fil-bank, kif kellu jagħmel. Mill-bank 'il ġewwa daħħalhom Frank Ciappara li kellu ċ-ċwievet tal-kaxxa fejn jitqiegħdu l-flus. Dan għamlu quddiem żewġ pulizija. Frank Ciappara kien qabel fl-ammont ta' boroż li kellhom jiddaħħlu fil-bank, u għalhekk għandu jissejjaħ f'din il-kawża sabiex iwieġeb għall-għemil tiegħu. Meta, fit-2 ta' Jannar, 1991, infetħet il-kaxxa fejn kien tqiegħdu l-flus sabiex ikunu depożitati fil-kont, il-konvenut ma kienx hemm u ma kellux x'jaqsam ma' dan;

B'digriet mogħti fit-12 ta' Ġunju, 1992, il-Qorti ordnat li jissejjaħ fil-kawża Frank Ciappara. Dan ippreżenta nota, li

sejħilha nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu u qal dan li ġej:

Illi t-talbiet ta' l-atturi huma infondati safejn magħmula kontra *tiegħu*;

Illi hu kien imqabbad biex jiġbor boroż ta' flus minn gabbani fuq Putirjal u jeħodhom fis-*safe* tal-Bank of Valletta fi Triq San Ġwann, il-Belt Valletta;

Illi fil-31 ta' Diċembru, 1990 hu ġabar ħamsa u tletin (35) borża b'kollox, sittax (16) mill-gabbanà ta' ċertu Zahra, għaxra (10) minn ta' ċertu Vassallo u disa' (9) mingħand il-konvenut George Sammut - u dawn il-boroż kollha ġew depożitati fil-bank;

Illi hu lanqas biss ikun jaf x'fihom jew kemm ikun fihom flus dawn il-boroż, li jkunu magħluqa; u

Illi xogħlu hu biss li jwassal dawn il-boroż li jiġbor, u għall-bqija ma għandux iwieġeb għall-kontenut tagħhom; anzi, ħafna nies għandhom iċ-ċwievet tas-*safe*;

Li ġara jidher li hu dan:

L-assoċjazzjoni attriċi, il-*Public Transport Association*, kellha sitta min-nies li kienu jbiegħu l-biljetti lis-sewwieqa tal-karrozzi tal-linja. Il-bejgħ kien isir minn tliet gabbani ħdejn Bieb il-Belt. Dawn kien jaħdmu bix-*shift*; tliet jaħdmu ġurnata u l-għada *jkunu franki u t-tlieta l-oħra jaħdmu meta sħabhom* ikunu franki, u *vice versa*. Kuljum filgħaxija Frank Ciappara, l-imsejjaħ fil-kawża, kien idur dawn it-tliet gabbani u jiġbor il-boroż bil-flus mill-bejgħ tal-biljetti għal dak in-nhar. Dawn il-boroż kienu jkunu ġà siġillati minn min ikun fil-gabbana.

Ciappara kien iqiegħed dawn il-boroż fil-karrozza tiegħu u, meta jkun ġabar il-boroż mit-tliet gabbani, xi wieħed jew tnejn minn dawk li jkunu f'dawn il-gabbani, i.e. mit-tliet bejjiegħa tal-biljetti, li jkun ħa l-boroż mingħandhom, imorru miegħu fil-karrozza tiegħu, biex miegħu jqiegħdu l-flus il-bank. Magħhom *kienu jmorru ukoll xi pulizija*;

Billi dak il-ħin il-bank ikun magħluq, fis-sens li ma jiħux depożiti f'kontijiet bankarji, kien hemm arranġament biex il-flus, flok jitqiegħdu f'kont bankarju, jitqiegħdu fiżikament f'kaxxa jew *safe* tal-metall fil-bank stess biex jibqgħu hemm matul il-lejl. L-għada, il-bejjiegħa tal-biljett li Ciappara jkun ħa l-boroż *mingħandhom* il-jum ta' qabel, *u li, allura, jkun* imisshom frank, kienu jmorru l-bank, jiftħu l-kaxxa, jieħdu l-boroż bil-flus *minnha u jiddepożitaw il-flus fil-kont ta' l-*assoċjazzjoni attriċi;

L-episodju li wassal għal din il-kawża ġara fil-31 ta' Diċembru, 1990;

Dak in-nhar kien imissu xogħol *il-konvenut Sammut*. Bħas-soltu ġie Ciappara, li kien ġà ġabar il-boroż miż-żewġ gabbani l-oħra, u Ciappara u Sammut, flimkien ma' żewġ *pulizija, marru l-bank biex iqiegħdu l-boroż tal-flus fil-kaxxa*. Dak iż-żmien *Sammut ma* kellux iċ-ċwievet tal-kaxxa, iżda Ciappara kellu. Meta waslu l-bank il-*watchman* fetaħ il-bieb biex daħal Ciappara, u għalaq warajh bil-kanċell. Sammut beda jgħaddi l-boroż lil Ciappara minn bejn l-isbarri tal-kanċell u Ciappara beda jqiegħed il-boroż, li, kif rajna, kienu siġillati minn qabel, fil-kaxxa. Kemm Sammut kif ukoll Ciappara xeħdu li qablu fin-numru ta' boroż; i.e. Sammut għadda lil Ciappara *ħamsa u tletin* borża u Ciappara ħa mingħand *Sammut ħamsa u* tletin borża biex qegħdhom fil-kaxxa;

Dak il-ħin Ciappara, wara li sakkar il-kaxxa, ħareġ mill-bank, tefa' ċ-ċwievet tal-kaxxa fil-karrozza, iżda ma sakkarx il-karrozza, u qal lill-*watchman* tal-bank jeħodlu ħsieb il-karrozza sakemm l-istess Ciappara, Sammut u *ż-żewġ pulizija jmorru* jieħdu *bibita* ta' l-aħħar tas-sena f'ħanut li kien hemm qrib il-bank. Hekk għamlu; ħadu *l-bibita*, damu bejn għaxar *minuti u* għoxrin minuta, u marru lura fil-karrozza. Sabu li l-*watchman* ma kienx għadu hemm, u l-bank kien magħluq. Bla ma raw jekk iċ-ċwievet tal-kaxxa kinux għadhom fil-karrozza, telqu lejn Putirjal bil-karrozza;

Dwar dan l-episodju, Ciappara xehed hekk:

"... jiena dħalt ġewwa u George Sammut baqa' barra, daħħalna l-flus (boroż), fil-kwantità qbilna li suppost daħħalna, għalaqt il-kaxxa tal-flus, ħriġt barra, tfajt iċ-ċwievet tal-kaxxa tal-flus fil-karrozza u l-karrozza ma sakkarthiex u għidt *lill-watchman* sabiex jagħti daqqa ta' għajn lill-karrozza, morna jien, George Sammut u ż-żewġ pulizija *l-King's Own* sabiex nieħdu *drink*, wara xi għaxar minuti ħriġna u tlaqna, wassalt lill-pulizija u lil George Putirjal, u tlaqt lejn id-dar. Nikkonferma li għalhekk in-numru ta' boroż li daħħalna qabel man-numru ta' boroż li ġbarna" (fol. 70);

L-għada, billi kienet l-ewwel tas-sena u l-bank għalhekk kien magħluq, ma mar ħadd mix-*shift* ta' Sammut biex, *kif kien* isir fi ġranet tax-xogħol, jieħdu l-boroż mil-kaxxa u jqiegħdu l-flus fil-kont. Fil-għaxija, iżda, Ciappara reġa' mar, din id-darba ma' xi ħadd mix-*shift* l-ieħor, biex iqiegħed fil-kaxxa l-boroż bil-flus mill-bejgħ tal-biljetti matul l-1 ta' Jannar, *1991*. Meta mar biex jiftaħ il-kaxxa, iżda, iċ-ċwievet ma sabhomx u għalhekk il-boroż, flok daħħalhom fil-kaxxa, li ma setax jiftagħha, ħallihom barra mill-kaxxa, iżda fil-kamra fil-bank fejn kienet din il-kaxxa. Ma jidhirx li, dak il-ħin, allarma ruħu

minħabba fin-nuqqas taċ-ċwievet;

Fit-2 ta' Jannar, 1991, filgħodu marru nies oħra ta' l-assoċjazzjoni attriċi biex iqiegħdu l-flus - presummibbilment kemm dawk ta' l-1 ta' Jannar kif ukoll dawk tal-31 ta' *Diċembru* - *fil-kont, fetħu l-kaxxa bi ċwievet oħra,* mhux dawk li kienu naqsu lil Ciappara, iżda sabu li mid-disa' boroż li kellu jkun hmem ta' Sammut kien hemm waħda nieqsa; ma sabux flus neqsin fil-boroż li kien hemm; sabu li borża sħiħa minn dawk li kienu ddaħħlu fil-kaxxa jumejn qabel kienet nieqsa;

L-assoċjazzjoni attriċi issa trid il-flus li kien hemm f'din il-borża, elf, mitejn u ħames liri (Lm1,205) b'kollox, mingħand il-konvenut Sammut; Sammut daħħal fil-kawża lil Ciappara;

Ir-raġuni għala l-assoċjazzjoni attriċi trid il-flus mingħand Sammut hija mfissra fl-*affidavit* ta' Emanuel Galea, skrivan ma' l-istess assoċjazzjoni, li xehed hekk:

"Nixtieq ngħid illi kull *ticket seller* huwa responsabbli biex jiddepożita l-flus li jkun daħħal hu l-ġurnata ta' qabel mill-bejgħ tal-biljett. Ġieli ġrat illi *ticket seller* wieħed jiddepożita l-flus ta' *ticket seller* ieħor, imma b'danakollu xorta jibqa' responsabbli t-*ticket seller* li jkun biegħ il-biljetti tal-flus tiegħu" (fol. 43 *et seq*);

Fi kliem ieħor, l-assoċjazzjoni attriċi qiegħda tgħid li l-bejjiegħ tal-biljetti jibqa' responsabbli għall-flus sakemm dawn jitqiegħdu fil-kont bankarju ta' l-assoċjazzjoni. Sakemm jibqgħu fil-kaxxa l-bank matul il-lejl jibqa' jwieġeb għalihom il-bejjiegħ tal-biljetti li jkun daħħal il-flus mill-bejgħ tiegħu. Dana kompliet tfissru fin-nota ta' osservazzjonijiet:

"... kull *ticket seller* huwa responsabbli għall-flus li jkun

ġabar huwa mill-bejgħ tal-biljetti. Dan fis-sens illi għandu d-dmir li jara li l-flus li huwa jkun daħħal mill-bejgħ tal-biljetti f'ġurnata partikolari jiġu ddepożitati kollha kemm huma l-għada f'kont li hemm apposta għal dan l-iskop f'isem il-*Public Transport Association* *fil-fergħa ta' Triq ir-Repubblika tal-Bank* of Valletta Limited";

Il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni;

L-arranġament li bih il-flus kienu *jitqiegħdu* fil-kaxxa sabiex jibqgħu hemm matul il-lejl u jkunu ddepożitati l-għada ma kinux arranġamenti tal-konvenut mal-bank; kienu arranġamenti ta' l-assoċjazzjoni attriċi. Tant hu hekk li l-*konvenut ma kellux kopja taċ-ċavetta tal-kaxxa. Kif fissret l-*assoċjazzjoni attriċi fin-nota tagħha stess, kienet parti mill-"proċedura segwita mill-assoċjazzjoni" li l-flus "jingħabru minn Frankie Ciappiara" u jitqiegħdu "ġewwa *safe box* fil-bank għal matul il-lejl". Mela meta l-konvenut għadda l-boroż lil Ciappara biex dan iqiegħdhom fil-kaxxa u hekk jinżammu fil-bank, Ciappara ma kienx qed jimxi bħala mandatarju ta' Sammut, u lanqas il-bank bħala depożitarju ta' Sammut. Ciappara kien qed jaġixxi bħala mandatarju ta' l-assoċjazzjoni u l-bank kien depożitarju ta' l-assoċjazzjoni. Ir-responsabbilità ta' Sammut kienet tispiċċa hekk kif hu jaqbel ma' Ciappara fin-numru ta' boroż li jkun għaddielu biex iqiegħdhom fil-kaxxa;

Fil-każ tal-lum ir-responsabbilità ta' *Sammut spiċċat hekk* kif Ciappara qabel miegħu li kien ħa mingħandu l-boroż kollha biex iqiegħdhom fil-kaxxa;

Mela t-talbiet ta' l-atturi *nomine* safejn magħmula kontra l-konvenut George Sammut ma jistgħux jintlaqgħu;

Ngħaddu issa biex naraw x'inhi l-pożizzjoni ta' Frank

Ciappara;

Meta Sammut għadd l-boroż lil Ciappara, Ciappara kien qabel fin-numru u għalhekk irċieva l-boroż kollha. Mela l-borża li ma nstabitx fit-2 ta' Jannar, 1991 naqset f'xi waqt bejn meta Ciappara rċieva l-boroż u meta l-kaxxa reġgħet infetħet jumejn wara. Mela l-possibilitajiet huma dawn:

Ciappara ma qiegħdx il-boroż kollha fil-kaxxa wara li ngħatawlu minn Sammut. Kif rajna, Ciappara kien waħdu fil-kamra fejn hemm il-kaxxa u ħadd ma rah iqiegħed il-boroż fil-kaxxa. Il-*watchman* tal-bank, Carmelo Mifsud, xehed li waqt li Ciappara kien qiegħed ipoġġi l-boroż fil-kaxxa hu kien ikun ħdejn il-bieb ta' barra, mhux ħdejn Ciappara (fol. 115). Xehed ukoll li wara li lesta mill-boroż u mill-kaxxa, Ciappara qallu li xtaq imur sat-*toilet* (fol. 116). Jista' jkun li meta mar fit-*toilet* ħa l-borża miegħu u jew ħbieha hemmhekk sabiex jeħodha xi kompliċi tiegħu darb'oħra, jew inkella ħareġ il-flus minnha u qassamhom fuq ħwejjġu;

Jista' jkun ukoll li xi ħadd ħa ċ-ċavetta tal-kaxxa mill-karrozza ta' Ciappara waqt li Ciappara u sħabu kienu qegħdin jieħdu l-*bibita* ta' l-aħħar tas-sena. Kif rajna, il-karrozza f'dan il-ħin ma kinitx imsakkra. Biss, biex seta' ġara hekk, min ħa ċ-ċavetta ried ikun xi ħadd li mhux biss kien jaf ta' x'hix kienet iċ-ċavetta, iżda kellu ukoll aċċess għall-kamra fil-bank fejn kienet il-kaxxa;

Jista' jkun ukoll li l-borża ttieħdet meta, fit-2 ta' Jannar, 1991, marru nies oħra ta' l-assoċjazzjoni attriċi biex iqiegħdu l-flus fil-kont bankarju. Din il-possibbilità jidher li nistgħu niskartawha. Dawn in-nies li fetħu l-kaxxa fit-2 ta' Jannar ma tressqux biex jixhdu iżda jidher li kienu tliet (ara l-minuti tal-laqgħa tal-kumitat ta' l-assoċjazzjoni attriċi tal-5 ta' Jannar,

1991, fol. 52) u għalhekk setgħu jikkontrollaw lil xulxin. Barra minn hekk, dawn mill-ewwel informaw lil Sammut li waħda mill-boroż tiegħu kienet nieqsa; li kieku ħaduha huma, kienu żgur jagħtu lilhom infushom aktar ħin biex jaħbu l-flus;

Possibbilità oħra - li sar serq bi sgass - jidher li nistgħu niskawtawha għax ma tressqet ebda xiehda li turi li kien hemm *sgass kemm tal-bieb tal-bank kif ukoll tal-kaxxa fejn kien hemm* il-flus. Min ħa l-borża bilfors kien jew Frank Ciappara stess, jew xi ħadd li seraq iċ-ċavetta mill-karrozza ta' Frank Ciappara jew xi ħadd *li kellu hu stess kopja* taċ-ċavetta. Jekk min ħa l-borża ma kienx Frank Ciappara, bilfors kien xi ħadd li kellu aċċess għall-kamra fil-bank fejn kienet tinżamm il-kaxxa;

Fil-fehma tal-Qorti Frank Ciappara mexa bi traskuraġni u b'nuqqas ta' responsabbilità enormi, u jista' jkun li mexa b'*dolo* ukoll. Hija ħaġa li bil-kemm titwemmen li mingħandu f'idejh ċavetta ta' *safe* jħalli din iċ-ċavetta f'karrozza miftuħa bil-lejl. Dan ma għamlux għax nesa jew bi svista, iżda deliberatament. Kien inġenwu meta ħaseb li l-*watchman* tal-bank ser joqogħdlu għassa mal-karrozza, jew kellu xi skop ulterjuri f'moħħu? Kien forsi qed iħejji xi *messa in scena*? F'dan il-kuntest, il-Qorti hija ftit jew wisq imħassba b'dak li xehed George Sammut dwar kif *għamel Ciappara meta telaq iċ-ċavetta fil-karrozza. Sammut* xehed hekk:

"Meta ħareġ, peress *illi kienet l-aħħar tas-sena, Frankie* ssuġġerixxa li lkoll kemm aħna mmorru nieħdu *drink* il-każin. Frankie għolla idu li fiha kellu ċ-ċwievet tal-kaxxa, urieħom lill-*watchman*, u qallu biex jagħti daqqa ta' għajn lill-karrozza sakemm immorru nieħdu *drink*. Frankie tefa' ċ-ċwievet fuq is-*seat* tal-karrozza, li kienet ipparkjata eżatt quddiem il-kanċell li minnu daħħalna l-flus. Jiena ma nafx jekk it-tieqa ta' din il-karrozza kinitx imniżżla, però naf ċert li, meta tlaqna għad-

*drink*, Frankie ma sakkarx il-karrozza" (ara l-affidavit ta' George Sammut, fol. 61 *et seq*);

Qiesu Frankie Ciappara ried juri lil kulħadd li kien ser iħalli ċ-ċwievet f'karrozza miftuħa. Forsi l-ħsieb tiegħu kien li joħloq *red herring* biex is-suspetti jmorru fuq terzi mhux magħrufa li setgħu ħadu ċ-ċwievet mill-karrozza miftuħa? Li kieku ma kienx hekk meta ra li l-*watchman* ma baqax għassa mal-karrozza għala ma rax dak il-ħin stess jekk kienx hemm xi ħaġa nieqsa mill-karrozza?

Ħaġa oħra li l-Qorti ma ssibx kif tfissirha huwa n-nuqqas ta' Ciappara li jagħmel xi ħaġa meta l-għada, fl-1 ta' Jannar, meta sab li ċ-ċavetta kienet naqset, baqa' ma għamel xejn u l-assoċjazzjoni kellha tistenna sa l-għada, it-2 ta' Jannar, biex issir taf li kien hemm borża nieqsa. Forsi ried jagħti lilu nnifsu aktar żmien biex il-flus iqiegħdhom fejn ma jinstabux?

Wara li qieset dan kollu, il-Qorti hija moralment konvinta li kien Frank Ciappara, l-imsejjaħ fil-kawża, li, jew waħdu jew ma' xi kompliċi, ħa l-borża li ma nstabitx. Ukoll jekk is-serq tal-borża sar minn terzi li setgħu ħadu ċ-ċavetta mill-karrozza, Ciappara jaħti għal *culpa lata* għax ma kien imissu qatt ħalla ċ-ċavetta f'karrozza miftuħa. Fl-aħjar ipotesi, Ciappara għandu jwieġeb għal *culpa lata quae dolo aequiparetur*, fl-agħar ipotesi għandu jwieġeb għal *dolus*. F'kull każ, għandu jwieġeb għan-nuqqas tal-flus;

Għalhekk it-talbiet ta' l-assoċjazzjoni attriċi l-Qorti sejra tilqagħhom kontra Frank Ciappara, imsejjaħ fil-kawża;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' l-kawża hekk:

Tiċħad it-talbiet ta' l-assoċjazzjoni attriċi, bl-ispejjeż

kontra l-istess assoċjazzjoni, safejn dawn it-talbiet saru kontra l-konvenut George Sammut;

Tilqa' l-istess talbiet safejn magħmula kontra Frank Ciappara, imsejjaħ fil-kawża, billi tikkundanna lill-istess Frank Ciappara jrodd elf, mitejn u ħames liri (Lm1,205) lill-assoċjazzjoni attriċi, flimkien ma' l-ispejjeż relattivi u l-imgħaxijiet mill-31 ta' Diċembru, 1990";

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-kjamat fil-kawża Frank Ciappara li bih talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza mogħtija fl-4 ta' Ottubru, 1996 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet premessi billi tiċħad it-talbiet attriċi kif diretti kontra l-appellant kjamat fil-kawża u tilqa' l-eċċezzjonijiet ta' l-istess kjamat fil-kawża Frank Ciappara;

Rat ir-risposta tal-konvenut George Sammut għall-petizzjoni ta' l-appell ta' Frank Ciappara li biha espona illi s-sentenza appellata in kwantu tikkonċerna lilu hija ġusta u timmerita konferma. Huwa rrileva li l-appell ma jikkonċernax direttament lilu għax kull ma talab l-appellant hu li l-azzjoni attriċi in kwantu diretta kontra tiegħu tiġi miċħuda, u ma ntalbitx ir-revoka tas-sentenza in kwantu sabet lill-konvenut mhux responsabli għan-nuqqas u, kwindi, l-posizzjoni tal-konvenut għandha tibqa' inalterata;

*Omissis*;

L-appellant *inter alia* qed jissottometti li l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament assolutament ħażin tal-fatti u li s-sentenza appellata hija bbażata fuq konġetturi u fuq *hearsay evidence* u li l-verità hi li fuq bilanċ ta' probabilità hu aktar verosimili li l-flus setgħu ttieħdu mill-persuni li fetħu l-kaxxa jew mill-*watchman* jew li Sammut naqas li jpoġġihom u

sar *għadd ħażin, milli li ħadhom Ciappara;*

L-appellant fir-rikors tiegħu ta' appell għamel analiżi dettaljata u fit-tul tal-provi kif ukoll tal-motivazzjoni tas-sentenza appellata, iżda sfortunatament, f'xi partijiet tar-rikors għamel kummenti fuq l-Ewwel Onorabbli *Qorti li, fil-fehma ta'* din il-Qorti, jirrażentaw id-disprezz u li bl-ebda mod ma jservu biex isaħħu l-argumenti ta' l-appellant;

Din il-Qorti eżainat bir-reqqa l-provi akkwiżiti, il-motivazzjoni tas-sentenza appellata u l-argumenti mressqa mill-appellant;

Fil-fehma ta' din il-Qorti, mhux fondat aggravju dedott mill-appellant, li s-sentenza ta' prim'istanza hija bbażata fuq konġetturi u fuq *hearsay evidence*; għall-kuntrarju, is-sentenza appellata għamlet apprezzament korrett tal-provi ammissibbli u mmotivat b'mod loġiku u konvinċenti l-konklużjonijiet fiha raġġunti u din il-Qorti ma ssibx x'tikkritika fir-raġunament tas-sentenza, senjatament dak li bih waslet għall-konklużjoni tagħha li kien l-appellant li, jew waħdu jew ma' xi kompliċi, ħa l-borża bil-flus li ma nstabitx u li, anke jekk is-serq tal-borża sar minn terzi li setgħu ħadu ċ-ċavetta mill-karrozza ta' l-appellant, l-appellant jaħti għal *culpa lata* għax ma kien imissu qatt ħalla *ċ-ċavetta f'karrozza miftuħa. Kif sewwa żiedet tgħid l-Ewwel* Onorabbli Qorti, fl-aħjar ipotesi, l-appellant għandu jwieġeb għal *culpa lata* u fl-agħar ipotesi għandu jwieġeb għal *dolus* u f'kull każ għalhekk għandu jwieġeb għan-nuqqas tal-flus;

Għaldaqstant, filwaqt li tagħmel tagħha r-raġunijiet tas-*sentenza appellata, tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma in toto* s-sentenza appellata, bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-appellant.